# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 8**

**Citazzjoni numru 1742/98 LSO**

**Onorevoli Dr Charles Mangion**

**v.**

**Joseph Zahra**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-attur fis-27 ta' Awwissu, 1998, li permezz tieghu nghad:

> "Peress illi l-konvenut Joseph Zahra bhala editur tal-gurnal "In-Nazzjon" fil-harga tal-istess gurnal tal-Erbgha 26 ta' Awwissu 1998,

ippubblika tliet artikoli fil-pagna hamsa tal-gurnal, bit-titolu generali tal-pagna "L-iskandlu tal-konvenji ghall-bejgh tal-proprjeta` minn Deputati Laburisti lill-Gvern" u b'titoli ohra "Il-kobba tkompli tithabbel"; "L-eks Ministru Charles Mangion 'assista professjonalment' f'konvenju iehor ta' Lm279,000"; "Ix-xiri skandaluz ta' proprjeta` mill-Awtorita` tad-Djar - Charles Mangion jikkonferma", li permezz taghhom implika u allega fost ohrajn li l-istanti kien involut fi "skandlu" bil-fatt li kumpanija li ghandu sehem fiha tefghet offerta pubblika ghall-bejgh ta' proprjeta` lill-Awtorita' tad-Djar, li sar xi haga hazina, u li ghandu jigi mkecci.

"Peress illi dawn l-allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet huma ghal kollox infondati u bla bazi u l-process kollu kien regolari, miftuh ghal kulhadd, u sahansitra l-istanti kien iddikjara l-interess tieghu u talab li jkun hemm minn qabel l-iskrutinju tal-Awditur Generali.

"Peress illi bl-istess artikoli l-konvenut ta malafama lill-istanti billi attribwielu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

"Peress illi barra l-gravita' tal-ingurja fiha nnifisha jidher car mill-mod kif gie msemmi l-istanti u mill-assjem tal-artikoli, illi l-iskop tal-artikolu huwa li jaghmel hsara lill-istanti fi zmien krucjali tal-kampanja elettorali ghall-elezzjonijiet generali billi jimplika li huwa kien responsabbli ta' skandlu u irregolarita' li kellha twassal ghat-tkeccija tieghu.

"Peress illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

"Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi l-istess konvenut ta malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

"2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

"Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li ghandu jidher ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Zahra, pprezentata fis-16 ta' Frar, 1999, li permezz taghha gie eccepit:

"1. Illi l-pubblikazzjoni de quo tikkonsisti f'fatti li l-eccipjenti ser jaghmel il-prova tal-verita` taghhom u kummenti li jammontaw ghall-'fair comment'".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru, 2013, li in forza taghha l-kawza giet deciza billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici billi ddikjarat li l-konvenut ta malafama lill-attur bl-istampat li gie ppubblikat fil-gazzetta "In-Nazzjon" fil-harga tas-26 ta' Awissu, 1998. Konsegwentement laqghet it-tieni talba attrici u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' €1,000, bhala kumpens ghad-danni u riparazzjoni mitluba, bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza, sad-data tal-hlas effettiv. Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-attur qed jitlob li din l-Qorti sabiex tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut ta malafama permezz ta' sensiela ta' tliet artikoli ppubblikati minnu fil-kwalita' tieghu ta' editur tal-gurnal "*In-Nazzjon*", fil-harga tal-istess gurnal tas-26 ta' Awwissu 1998 bit-titolu generali tal-pagna "*L-iskandlu tal-konvenji ghall-bejgh tal-proprjeta` minn Deputati Laburisti lill-Gvern*" u b'titoli ohra "Il-kobba tkompli tithabbel"; "*L-ex Ministru Charles Mangion 'assista professjonalmenta' f'konvenju iehor ta' Lm279,000*"; "Ix-xiri skandaluz ta' proprjeta` mill-Awtorita` tad-Djar - Charles Mangion jikkonferma". L-attur ghalhekk qed jitlob li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas somma li tigi determinata in linea ta' danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li hu sofra minhabba l-pubblikazzjoni msemmija.
>
> "Il-konvenut, da parti tieghu, eccepixxa illi l-pubblikazzjoni de quo tikkonsisti f'fatti li l-eccipjenti ser jaghmel il-prova tal-verita` taghhom u kummenti li jammontaw ghall-'*fair comment'* .
>
> "Stante l-kariga pubblika okkupata mill-attur fiz-zmien tal-pubblikazzjoni, tali allegazzjoni li timplika involviment f'xi att ta' korruzzjoni fil-konfront tieghu tista' taghti lok ghal dawn il-proceduri.
>
> "Min-naha tal-konvenut jinkombi fuqu l-prova illi dak li ppubblika huwa sostanzjalment korrett.

“Din il-kawza hija konnessa u miexja flimkien ma' zewg kawzi ohra fl-ismijiet "Onor. Dr. Charles Mangion -v- Onor. Perit George Pullicino (*Citaz. Nru. 1768/1998 LSO*) u "Onor. Dr. Charles Mangion -v- Mario Galea et. (*Citaz. Nru. 1741/1998 LSO*) u kien intiz bejn il-partijiet billi, ghajr ghall-provi li jirreferu ghall-kawza partikolari, il-provi li ngabru kellhom japplikaw ghat-tliet kawzi stante li jirreferu sostanzjalment ghall-allegazzjonijiet simili u konnessi.

“Il-Qorti ser tillimita ruhha biex tikkonsidra l-provi rilevanti ghall-pubblikazzjoni tal-artikolu li hu l-mertu ta' din il-kawza peress li l-kawzi l-ohra jirrigwardaw kliem li ntqalu f’xandira politika u f'Press Release rispettivament.

“Provi Prodotti

“Xehed Dione Borg[1], l-artikolist u qal li r-rapport sar fl-isfond ta' storja li kienu qed jikkumentaw dwarha l-politici miz-zewg nahat dwar konvenji li saru mal-awtorita' tad- Djar ghall-bejgh ta' proprjeta'. Kienu tkellmu mal-attur dwar dak li kien bi hsiebhom jippubblikaw. B'riferenza ghall-artikolu "*Il-Kobba Tkompli Tithabbel*" qal li dan kien mehud minn ittri diga` ppubblikati u whud minn ohrajn li rrizultaw minn dak li ppubblikaw huma. Hu kien tkellem personalment mal-attur qabel il-pubblikazzjoni in kwistjoni u l-attur kien ikkonferma li kien assista professjonalment fuq konvenju iehor tall-valur ta' Lm279,000.

“Qal: "*Fil-fatt jien imbaghad bnejt storja madwar dak li qalli, il-kumment tieghu ppubblikajnih shih, ghamilnih kollu, ma kienx hemm cahda tieghu*."

“Fil-pagna esebita a fol. 5 tal-process fin-naha tax-xellug hemm ippubblikat stqarrija ohra tal-istess ex-Ministru Dr. Charles Mangion "*fejn qed issostni li ma hemm l-ebda tracci ta' korruzzjoni. Din ircevejniha ahna bhala stqarrija u giet ippubblikata fl-interita' taghha.*"

“Xehed Joseph Zahra[2] u kkonferma li l-artikolu fuq l-istess pagna Dok.A, hija l-istqarrija mibghuta mill-attur fejn ukoll ippubblikaw stqarrija tas-segretarja parlamentari Helena Dalli. Il-parti l-ohra wkoll fl-istess pagna intitolata "*Charles Mangion jikkonferma*" hija stqarrija tal-Partit Nazzjonalista mill-Ufficjal ghall-Informazzjoni Mario Galea.

“Xehed l-Onor. Prim' Ministru Dr. Eddie Fenech Adami[3]. Qal li gimghat qabel l-elezzjoni tal-1998 kellhom informazzjoni li l-Awtorita' tad-Djar kienet sejra tixtri proprjeta', u harget xi stqarrija li lesta li tixtri proprjeta` mibnija lesta, ghall-finijiet ta' social housing. Saru jafu b'diversi kuntratti, fosthom ta' ammonti rilevanti u dehrilhom li l-

[1] Xhieda a fol.22 et.seq. tal-process.
[2] Xhieda a fol.24 et.seq. tal-process.
[3] Xhieda a fol.37 et.seq. tal-process.

proceduri, kif kienu qeghdin isiru b'mod vicin hafna l-elezzjoni, iqajmu suspetti kbar ta' x'kienu r-ragunijiet ghaliex kienu qeghdin isiru dawn il-kuntratti.

“"*Niftakar li kien issemma’ in-Nutar Charles Mangion kemm bhala nutar li jaghmel konvenji ...minn dawn li kienu qeghdin jissemmew, kif ukoll kien involut hu f'xi kumpanija ma' xi hadd iehor*… deputata ohra jew ir-ragel taghha, *ta' Helena Dalli jidhirli, li kellhom kumpanija bejniethom u kienu qeghdin ibieghu, jigifieri kien sar xi konvenju biex ibieghu proprjeta` taghhom lill-Awtorita' tad-Djar.*" Hu qal li kien ikkummenta iktar minn darba li dawn kienu transazzjonijiet suspettuzi hafna.

“Wara l-elezzjoni l-Ministru responsabbli ghall-Politika socjali ezamina dawn il-konvenji li kienu pendenti, li jekk mhux kollha, kwazi kollha ma kienux saru kuntatti fuqhom. Il-Partit qabel l-elezzjoni kien talab lill-Prim' Ministru, dak iz-zmien il-Kap tal-Partit Laburista, biex jezamina l-konvenji kollha, anke naturalment fejn ma kien hemm l-ebda Deputat involut.

“Xehed Dr. Lawrence Gonzi[4] li kkonferma li bhala Ministru tal-Politika Socjali, talab d-dokumentazzjoni kollha li kellha x'taqsam mal-iskema li l-Awtorita` tad-Djar kienet harget biex tixtri proprjeta` minghand il-privat u gie redatt rapport dwar l-istess. Irrizulta li l-Awtorita' tad-Djar f'xi zmien kienet hasbet biex tohrog avviz fejn tistieden lil dawk li kienu interessati biex ibieghu l-proprjeta' taghhom lill-Awtorita'. Meta harget l-istedina b'avvizi ghal xi Frar 1998, ingibdet l-attenzjoni tal-Awtorita' li dawk l-applikanti li kienu qed jofru post gebel u saqaf, kienu qed jinkludu fil-prezz tal-offerta taghhom mhux biss il-valur tal-proprjeta' imma anke l-valur tax-xoghlijiet li riedu jsiru biex issir abitabbli. Qamet kwistjoni fis-sens li l-Awtorita' ma tistax taghmel *direct contracts* lill-individwi minghajr il-permess tal-Ministeru tal-Finanzi fejn il-valur tax-xoghol kien jaqbez it-Lm3,000.

“Skont ix-xhud bdiet kontroversja ghaliex il-Bord ried ikompli ghaddej peress li din il-kondizzjoni, li tohrog mil-Ligi li tirregola l-Awtorita` tad-Djar, skont il-Bord, ma kenitx tapplika ghal din l-iskema. L-Avukat Generali kien ta parir li din il-kundizzjoni kienet torbot lill-Awtorita'.

“Irrizultalu, u dan kien jirrizulta wkoll mir-rapport tal-Awditur Generali, li kemm l-attur kif ukoll l-Onor. Helena Dalli kitbu ittra fejn huma stess iddikjaraw li kienu shareholders ta' zewg kumpaniji separati u li dawn il-kumpaniji kienu azzjonisti fis-socjeta` Elcar Company Ltd, wahda mill-applikanti ghall-iskema. Il-proprjeta` offrut ghall-bejgh mill-Elcar kien wiehed minn dawk li ma kienx lest.

“L-Awditur Generali kien gie mitlub jinvestiga biex jistabilixxi jekk kienx hemm xi rregolaritajiet jew le. Saret laqgha bejnu u c-Chairman tal-

[4] Xhieda a fol.44 et.seq. tal-process.

Awtorita' u jidher minn korrispondenza esebita li ma kienx hemm qbil dwar dak li kien gie diskuss.

“Irrizulta li l-Awtorita' tad-Djar ippreparat kovenju biex l-Awtorita' tixtri l-proprjeta` minn *Elcar Co Ltd* li kien jikkonsisti fi 12-il appartament u 14-il garaxx. Il-prezz mitlub fl-applikazzjoni kien ta' Lm242,400 izda l-prezz li tnizzel fil- konvenju kien ta’ Lm239,400. Dawn kienu f’"*shell form*" izda fil-gurnata u hin stabbilit ghall-iffirmar tal-konvenju l-bejjiegha ma kienux tressqu.

“Il-process waqaf kompletament meta nbidel il-Gvern.

“Dwar il-konvenju ta' Camilleri, Bartolo u Muscat li jissemma fil-gurnal, u li ghalih jirreferi l-file HAA 25/98 il-konvenju gie ffirmat fl-14/8/98 u l-ftehim jinkludi wkoll kuntratti ta' xoghlijiet li kellhom isiru mill-bejjiegh. Il-prezz li kien gie mitlub mis-sidien kien ta’ Lm338,200 pero` l-prezz miftiehem mal-Awtorita` kien ta' Lm279,500.

“Lahqu gew iffirmati sitt konvenji - tnejn mal-kumpanija *Lay Lay Company Limited*, tnejn ma' certu Mario Dimech, wiehed ma' Mario Dimech u Dalli, u wiehed ma' Camilleri, Bartolo u Muscat. Kollha kellhom inkluz xoghlijiet li kellhom isiru fuq il-proprjeta` mill-bejjiegh u l-prezz miftiehem kien jinkludi l-valur tax-xoghlijiet.

“Mir-rapport tal-Awditur, rigward l-kumpanija *Elcar*, jirrizulta li "*The Elcar representatives did not turn up for the signing of the relative konvenium which had been set for the 14$^{th}$ August*."

“In kontro-ezami qal li l-konvenju ta' Bartolo, u Camilleri kien validu sat-13 ta' Novembru 1998. Wara li sar l-analizi u ttiehdu l-pariri kollha rrizulta allura illi l-pariri tal-Avukat Generali kienu jindikaw li kien hemm dubji fuq il-procedura u l-legalita' tal-procedura u l-iskema twaqqfet kompletament. In segwitu harget skema gdida fis-sena 1999 mibdula kompletament. Ebda kuntratt ma sar abbazi tal-konvenji ffirmati taht l-iskema l-antika.

“Gie deciz li bhala kuncett, "*il-fatt li l-Gvern jixtri l-proprjeta` minghand il-privat kien kuncett tajjeb, basta li dak il-kuncett ma jkunx fih mohbi "direct order", jigifieri ghotja ta' xoghlijiet diretti ghall-istess persuna li kienet qed toffri l-proprjeta' taghha direttament biex tinxtara mill-Awtorita', u dak l-element, fost elementi ohrajn, tnehhew mill-iskema l-gdida*."

“Ma ghamel ebda rapport dwar dak li sab jew ha passi amministrattivi jew dixxiplinari.

“Xehed l-Onor. Dr. Charles Mangion[5] u qal li (il-Harga tan-Nazzjon tas-26/8/1998) "*kif inhi pprezentata qed turi bic-car, tghid li jien involut*

[5] Xhieda a fol. 68 et. seq. tal-process.

*f'xi skandlu ta' xiri ta' proprjeta` mill-Awtorita', hemm l-artikolu, id-dikjarazzjoni u l-istqarrija tal-partit stess, li qed tghid ukoll li jiena nvolut - "assista professjonalment" f'assjem ta' wahda u tra virgolette "assista professjonalment" qisu hemm xi implikazzjonijiet ulterjuri, ghax qieghda 'tra virgolette' meta jien inkun qed naqdi l-professjoni tieghi, hemmhekk jien ma kelli l-ebda kariga ezekuttiva dak il-hin li kont naqdi l-professjoni tieghi normali ta' nutar illi nassisti lill-klijent tieghi. Jigifieri l-assjem kollu marbut mal-montatura tal-kaz tal-Lay Lay dawn kienu integrati kollha flimkien u l-istess ambjent, dak kollu gie prezentat b'tali mod u manjiera li jien kont involut f'xi skandlu, kont involut f'xi irregolarita', kont involut f'xi att ta' korruzzjoni...jien ninnega kompletament, jien ma kont involut f'xejn minn dan bl-iktar mod 'above board' u bl-iktar mod skont ir-regoli stabbiliti u anke skont l-etika Parlamentari*."

“Dwar il-fatti kkonferma li l-Gvern kien fil-process ta' negozjati mal-kumpanija "*Elcar Company Limited*" izda ma kien gie konkluz xejn mal-Awtorita`. Kienu hargu tender pubblici min-naha tal-Awtorita', kienet saret l-offerta, pero` l-offerta ma kenitx giet konkluza. Fi Frar tal-istess sena, meta ghamlu l-offerta, kien kiteb lill-Awtorita` u lill-Ministru kkoncernat fejn gibdilhom l-attenzjoni ghall-involviment tieghu fil-kumpanja Elcar u talab biex, minhabba n-natura pubblika tal-kariga tieghu, ghandu jgharraf lill-Awditur Generali. "*Sallum ghadna ma nafx jekk l-Awtorita' jew is-Segretarju tal-Awtorita' Sciberras Grioli, x'mexxa u x'ma mexxiex*". Kien kiteb ukoll lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati skont l-Kodici tal-Etika.

“Qal li n-negozjati u trattattivi saru ma' Patrick Dalli li kien id-direttur ezekuttiv tal-kumpanija. Izda ma setghux jigu konkluzi minhabba li mpona kondizzjoni a priori. Hu qal li insista li l-Awditur Generali jara d-dokumentazzjoni kollha u jaghti l-parir tieghu qabel ma jigi ffirmat xi dokument. "*Ghalhekk nerga’ intenni li l-ebda appuntament ghall-konvenju ma kien hemm.*"

“Fl-ittra li kiteb lill-Awtorita` datata l-10 ta' Frar 1998, qal li kien hemm forma ta' ftehim verbali mal-Awtorita' tad-Djar in konnessjoni ma’ xi *units* f'Marsascala. Informah bl-involviment tieghu u ta' martu ta' 50% f'din l-azzjoni u, peress li n-negozjati kienu qed joqorbu l-istadju finali, issuggerixxa li qabel ma jigi ffirmat id-dokument, l-affarijiet jigu riferuti lill-Awditur Generali biex jaghti l-opinjoni tieghu -

> “"*jigifieri ghamiltha tassattiva fl-opinjoni tieghi, ghalkemm kont naf li l-Housing Authority, ma kelli l-ebda dubju fil-process taghha*." Kiteb fl-ittra: "*The direct involvement of the Auditor General prior to the signing of the agreement and not after is recommendable, and I insist on it*."

“B'hekk mhux biss ma ezercitax xi pressjoni jew kien involut b'xi mod f'xi att ta' korruzzjoni jew att skandaluz imma insista li l-Awditur Generali jara d-dokumentazzjoni kollha. Imma "*ghalija ma kien gie konkluz xejn, ma kien hemm l-ebda appuntament ghall-konvenju*."

“Dwar il-konvenju ta' Lm239,000 qal li kien dak li kien qed jigi processat fir-rigward tal-*Elcar* u l-konvenju l-iehor ta' Lm279,000 kien konvenju fejn hu ta l-assistenza professjonali tieghu lill-tliet klijenti. "*Issa artikolu hemm intitolat 'Il-kobba tkompli tithabbel' allura hemmekk hemm l-intenzjoni tieghu cara ta' ingurja, u s-subheading'*. "*Assista professjonalment" konvenju ta’ Lm279,000 anke l-implikazzjoni li l-assistenza tieghi kienet b'xi mod, kien hemm xi affarijiet ohra warajha*."

“Wara li tela' l-Gvern Nazzjonalista, ikkonkluda ma’ dawn it-tliet persuni kuntratt ta' Lm298,000 fil-21/11/2000 ippubblikat min-Nutar Franco Pellegrini. Wara dak l-artikolu dawn in-nies ma baqghux ifittxu l-assistenza professjonali tieghu.

“Qal li l-konkluzjoni tal-artikolu *'Il-kobba tkompli tithabbel'* tghid li ma onorax il-konvenju, meta baqa' jinsisti li ma kienx hemm appuntament mieghu minhabba l-kondizzjoni li impona dwar l-Awditur Generali. Ma kien hemm ebda data ffissata mieghu ghall-iffirmar tal-konvenju u lanqas kien jaf li kien hemm xi data. Izda qal ukoll li skont l-istatut Patrick Dalli seta' jiffirma wahdu ghall-kumpanija Elcar.

“Xehed Victor Sciberras Grioli[6] li kien *General Manager* tal-Awtorita' tad-Djar minn qabel l-elezzjoni tan-1996 sas-sena 2000. Kien involut fl-iskema ghax-xiri tad-djar mertu ta' din il-kawza peress li flimkien ma' Victor Galea li kien *Chairman*, u l-Perit Piju Busuttil, kienu jiffurmaw il-kumitat li kienet tipprocessa applikazzjonijiet taht din l-iskema.

“B'riferenza ghall-artikolu li kien deher fil-gazzetta In-Nazzjon tas-26 ta' Awwissu 1998 qal li l-attur kien deher quddiem il-kumitat biex jassisti klijenti tieghu li kienu tliet kuntratturi minn Hal Luqa u kien hemm applikazzjoni minn kumpanija li l-attur iddikjara li kien azzjonist fiha. Fl-ewwel kaz kienu ltaqghu diversi drabi mal-kuntratturi u lahqu ftehim u sar konvenju. Fit-tieni kaz, rigwardanti l-kumpanija, hu kien iltaqa' ma’ Patrick Dalli u waslu fi ftehim fuq prezz. Izda l-konvenju baqa' ma sarx.

“Spjega li l-applikazzjonijiet kienu jsiru lill-Awtorita` tad-Djar u jigu valutati minn nies teknici tal-Awtorita' li kienu mbaghad jresqu r-rapport taghhom quddiem il-kumitat. Il-kumitat kien jibghat ghall-applikanti. Kien hemm konvenji ohrajn li ma sehhewx.

“In kontro-ezami spjega li l-Kumitat kien jiddeciedi fuq vot unanimu. Is-sezzjoni teknika kienet tad-Dipartiment stess. L-attur kien deher mat-tliet persuni. Deher fil-kapacita` professjonali tieghu u l-procedura kienet l-istess ghal kulhadd u ma kienx hemm procedura differenti fil-kaz tal-kumpanija. X'hin waslu ghall-konvenju kellhom rapport

[6] Xhieda a fol. 101 et. seq. tal-process

favorevoli. Ir-rapporti teknici lahqu saru ghaliex kieku ma kienux jibghatu ghalihom ghall-konvenju.

“Qal ukoll li n-negozjati saru ma' Patrick Dalli u kien hemm qbil bejn il-membri kollha tal-kumitat. Il-gurnata ghall-iffirmar tal-konvenju tkun iffissata mill-Awtorita' tad-Djar jew mill-Bord. Hu qal li ma sarx ftehim specifiku mal-kumpanija tan-Nutar Mangion biex isir il-konvenju. Kien kitbilhom hu biex jigu ghall-konvenju. "*Ma ftehmnix ma' min ser jbieghlna ghad-data tal-konvenju. Ktibtilhom fuq istruzzjonijiet tal-Bord."*

“Xehed Patrick Dalli[7] u qal li kien shab mal-attur fil-kumpanija *Elcar Developments Ltd*. Meta harget l-iskema ghax-xiri ta' proprjeta' mill-Gvern kiteb lill-Awtorita' tad- Djar u anke iltaqa' mal-kumitat fejn kien hemm is-Sur Sciberras Grioli. Kien hemm xi 28 kuntrattur iehor li kienu applikaw ghal din l-iskema wkoll. Peress li martu, Helena Dalli, kienet Segretarja Parlamentari, kiteb lill-Ministru responsabbli ghall-Awtorita' fejn infurmah bl-interess li kellha martu fil-kumpanija msemmija, u biex javza lill-Awditur Generali qabel l-iffirmar ta' ftehim bejn il-kumpanija u l-Awtorita.[8] Kopja ta' din l-ittra intbaghtet lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati. L-*acknowledgement* wasal b'ittra datata 30 ta' Gunju 1998. F'Gunju difatti rcieva ittra mill-Awtorita' fejn intalab jaghti xi nformazzjoni biex ikun jista’ isir il-konvenju. Kellem lil Victor Sciberras Grioli fuq it-telefon u qallu li kellu jgib konferma minghand l-Awditur Generali u l-i*Speaker* l-ewwel.

“Wara sema' ahbar "*Patrick Dalli u l-Onorevoli Helena Dalli qed jaghmlu korruzzjoni*" u rrefera ghall-artikolu fin-Nazzjon tat-3 ta' Settembru 1998. Fil-gazzetta qalu li ffirmaw il-konvenju meta dan ma kienx minnu. Fl-artikolu msemmi hemm il-mistoqsija "*Ghaliex il-process kollu tal-iffirmar tal-konvenju sar fil-granet ta' qabel l-elezzjoni u mhux wara?"* Qal ukoll *"Qatt ma ffirmajna konvenju! ... Appuntament biex niffirmaw il-konvenju qatt ma kelli. Ghafasni s-Sur Grioli biex nghidlu nhar il-Gimgha, ghadni niftakar…ghidtlu...ma jien ser naghmel xejn qabel ma jkolli l-karta*."

“In kontro-ezami qal li kien gja tkellem mal-Housing qabel il-31 ta' Jannar 1998 ghax kien interessat. Qal li kien sema' bl-iskema bhal ma semghet Malta kollha. Mistoqsi kif sema' meta l-iskema harget fit-13 ta' Frar 1998 wiegeb li sema' l-ghajdut u ammetta li offra proprjeta` partikolari fi Triq il-Qaliet u f'New Street Marsaskala izda ma setax jghid li tkellem fuq proprjeta` partikolari qabel ma harget l-iskema.

“Qal li Sciberras Grioli issuggerilu data ghall-konvenju iktar minn tliet darbiet bil-fomm. L-attur qatt ma kien mieghu waqt il-laqghat li kellu. Huwa azzjonist fil-kumpanija imma x-xhud imexxi l-kumpanija "*jien*

---

[7] Xhieda a fol. 115 et. seq. tal-process.
[8] Ittra a fol. 125 tal-process datata l-11 ta' Frar 1998 u acknowledgment datata l-30 ta' Gunju 1998 a fol. 124 tal-process.

*biss*". Kien qallu hu lill-attur dwar l-offerta u dan halla kollox f'idejn ix-xhud.

“Rega' xehed l-attur in-Nutar Dr. Charles Mangion[9] li pprezenta kopja tat-tape tad-dibattitu fuq it-*television* li kien sar fis-26 ta' Awwissu 1998 (Dok. CMZ) u traskrizzjoni tat-tape esebit bhala Dok. CMZ1 a fol. 128 u 129 tal-process odjern). Dawn iz-zewg faccati jirriproducu l-partijiet rilevanti ghall-kaz u huma mertu ta' kawza ohra fl-ismijiet "L-Onor. Dr. Charles Mangion -v- L-Onor. Perit George Pullicino" (Cit 1768/1998 LSO) deciza llum stess.

“Hu qal li jahdem professonjalment mal-Lay Lay. Qal li dak li intqal "*L-assjem taghha u l-konkluzjonijiet taghha huma ingurjuzi. Qatt ma kien hemm data biex isir il-konvenju. Qatt ma kien hemm ftehim mieghi. Hawnhekk qed jghid li ma mortx niffirma ghax kixef l-iskandlu Dr. Fenech Adami. Dan mhux minnu. Fir-rigward tal-Cottonera, ma kelli interess ma' l-ebda wahda mill-konsorzji. Fl-ebda wahda mill-progetti ma kelli nvolviment u nteress*" sakemm kont fil-kariga ta' Ministru. "*Imbaghad meta spiccajt minn Ministru u bdejt nahdem ta' Nutar wiehed mill-konsorzji beda jistaqsini biex nahdimlu professjonalment*."

“In kontro-ezami qal li l-Ministru tal-Housing kien ilu jaghmel kjamati ghal min kien interessat u saret offerta minn Elcar Limited gestita minn Patrick Dalli. "*Imbaghad hemm l-istorja kollha fejn jien ktibt lill-Ministru*." Kien Ministru bejn Novembru 1996 sa Jannar 1998.

“Xehed il-Ministru l-Perit George Pullicino[10] riferibbilment ghad-diskors li ntqal f'dibattitu politiku, mertu ta' kawza ohra konnessa, (Citazz.1768/1998 LSO) u qal li l-argument li ried igib il-Partit Nazzjonalista kien li dak li kien qed isir u inbeda li jsir kienx rizultat ta' "*under the table information*" li wiehed sar jaf biha minhabba l-pozizzjoni tieghu. Dik il-mistqosija, skont ix-xhud, giet indirizzata fir-rapport tal-Awditur Generali li qal li l-iskema harget wara li saru l-offerti. Difatti l-ittra mibghuta minn Patrick Dalli kienet datata 11 ta’ Frar 1998 meta l-iskema harget fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13 ta' Frar 1998. "*Din kienet xi haga li giet abbuzata ghall-fatt li haddiehor kien vantaggjat quddiem ic-cittadin komuni*."

“Bhala Deputat fil-Kamra ra l-ittri li kienu baghtu l-attur u l-Onor. Helena Dalli lill-i*Speaker* li kienu datati t-3 u s-6 ta’ Lulju 1998 rispettivament.

“Bhala rapprezentant tal-Partit Nazzjonalista hu ried juri li kien hemm hafna mistoqsijiet fuq il-process kollu ta' din l-iskema li gew affermati mir-rapport tal-Awditur iktar tard. Per ezempju, li l-iskema kienet mibnija fuq xiri ta' proprjeta` li tithallas anke fuq xoghlijiet li ghad iridu jsiru. L-Avukat tar-Repubblika kien gibed l-attenzjoni li transazzjonijiet bhal dawn kellhom bzonn l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministru tal-

[9] Xhieda a fol. 130. et.seq. tal-process.
[10] Xhieda a fol.138 et. seq. tal-process.

Finanzi izda mir-rapport tal-Awditur Generali irrizulta li din l-approvazzjoni ma kenitx
inghatat u hu kien jinsab infurmat li lanqas intalbet.

"In kontro-ezami xehed li l-ittra mibghuta mill-attur u mill-Onor. Helena Dalli l-*iSpeaker* rahom ftit granet qabel ma xehed, u cioe` wara li ghamel id-diskors fil-programm. Ukoll ra r-rapport tal-Awditur wara li tkellem fuq il-programm. Id-diskors tieghu fil-programm "*kien bbazat mill-fatt li kemm jien u kemm il-Partit Nazzjonalista li kont nirrapprezenta f'dak il-programm, il-bezghat li kellna li kien hemm min kien vantaggjat fl-iskema kollha ghax kien ghamel sottomissjonijiet ghall-bejgh ta' proprjeta` anke qabel stess ma harget l-istess skema, effettivament dawk il-bezghat gew konkretizzati wkoll fid-diskors u l-kitba li kien hemm fir-rapport tal-Awditur. Jekk xejn kellek konferma ta' dak li ghidt. Konferma mir-rapport tal-Awditur*."

"Mistoqsi dwar dak li qal li l-attur ma ffirmax il-konvenju ghaliex Eddie Fenech Adami kixef dak l-iskandlu wiegeb li ghadu ma jafx ghalfejn l-attur ma marx. Meta baghat l-ittra lill-iSpeaker fit-3 ta' Lulju 1998, ftit granet qabel ma harget l-istorja, hu assuma li l-attur kien ghadu interessat biex isir in-negozju. L-opinjoni tieghu ta' politiku kienet li ma marx biex jiffirma ghaliex probabbilment inkixef il-kaz politiku.

"Gie mistoqsi:

> "*"Inti sejjahtlu skandlu, jigifieri dak li kien qed jaghmel l-attur kien skandlu hux hekk?*
>
> "*"R. Id-definizzjoni ta' skandlu hija relattiva mal-morali u l-etika li tadotta l-persuna.*
>
> :*"M. Jigifieri fil-fehma tieghek l-attur ghamel xi haga illegali jew irregolari?*
>
> "*"R. Illegali nahseb li trid tiddecidieh il-Qorti…Irregolari fl-opinjoni tieghi iva. Ghalhekk sejjahtlu skandlu ghax huwa irregolari li inti tmur tinnegozja fuq proprjeta' ghal skema meta dik l-iskema lanqas biss tkun harget ghall-pubbliku.*"

"<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT</u>

"Permezz tal-artikolu 11 tal-Kap 248 (l-Att dwar l-Istampa) "*Ħlief kif provdut xorta' oħra f'dan l-Att, kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jagħti malafama lil xi persuna, jista', meta jinsab ħati, jeħel multa.*"

"Fil-kaz in ezami, il-konvenut eccepixxa *in linea* difensiva, id-dritt li jistabilixxi l-verita` tal-fatti - l-*exceptio veritatis*. Izda ssolleva wkoll id-difiza li l-kummenti espressi fl-artikoli mertu ta' din il-kawza jikkostitwixxu *fair comment*.

“Skont l-artikolu 12 tal-Kap 248 il-prova tal-verita` tal-fatti attribwiti hija ammessa jekk "*l-akkużat, fl-istadju preliminari tal-kawża, jieħu r-responsabbilta kollha ta’ malafama.*"

Illi f’dan il-kuntest id-differenza bejn “*allegazzjoni ta’ fatt*” u “*comment*” hija wahda llum stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

“*F’materja ta’ ingurja bl-istampa ghandha ssir distinzjoni bejn “allegation of fact” u dak li huwa “comment”. Biex tirnexxi d-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun “fair and bona fide”, u ma jistax ikun “fair u bona fide” jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru*” (“Reginald Miller vs Harold Scory” - XXXVI.IV.843).

“Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*'fair comment’ , “jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-‘justification’ u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista’ jkun hemm ‘fair comment’* (“Anglu Camilleri vs Anthony Zammit” Vol.XI.IV.1195; “Dr Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit” 929/90/JSP - 3 ta’ Ottubru 1991). Ukoll "*hadd ma jista’ jippretendi li jkollu licenzja ta' kritika jew kumment dwar fatti li ma jkunux sostanzjalment veri u korretti*". ("Lino Debono -vs- Saviour Balzan", Appell 27 ta' April 2001).

“Kif jispjega l-Gatley (“On Libel and Slander”, 7th Edition, 1974, para 352) illi “*the truth of the imputation is an answer to the action, not because it negatives malice, but because the plaintiff has no right to a character free from that imputation, and if he has no right to it, he cannot in justice recover damages for the loss of it; it is ‘damnum absque injuria’.*”

“Ikkonsidrat li n-ness bejn l-*exceptio veritatis* u dak ta' fair comment gie mfisser minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza "Dr. Alfred Sant -v- Hector Bruno" (P.A.(AM) - dec. fl-4 ta' Frar 1994) fejn il-Qorti irriteniet li *ai termini* tal-artikolu 12 tal-Kap.248 , meta konvenut jassumi r-responsabbilta' kollha ta' malafama li taghha huwa akkuzat u jistrieh fuq il-prova tal-verita' tal-fatti attribwiti in dizimpenn tar-responsabbilta` tieghu, izda ma jipprovax il-verita' taghhom, hu jkun hati ta' malafama u fl-istess hin, id-difiza ta' *fair comment* ma tistax tirnexxi.

“Illi l-ligi tal-Istampa timponi limitazzjonijiet fuq il-liberta' tal-espressjoni u bhala tali, jenthieg li jinzamm bilanc bejn “*il-bzonn li s-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi*” (“Vincent Borg vs Victor Camilleri et.” - A.C. 15 ta’ Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.), liema dritt tal-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni tieghu huwa daqstant inaljenabbli u fondamentali.

“Ghalhekk tali liberta' ta' espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b’mod li jattakaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

“Kif gie ribadit fil-kaz fl-ismijiet “Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja” (P.A. N.A. 19 ta’ Jannar 1996.) li:-

> “*Il-linja medjana fejn proprio d-dritt ta’ espressjoni libera` teccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta’ haddiehor; huwa proprio … ...fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti*”.

“Izda l-attur odjern mhuwiex cittadin privat, imma, fiz-zmien tal-pubblikazzjoni in kwistjoni, kien jokkupa l-pozizzjoni ta' Deputat tal-Kamra tal-Avukati u kien, sa ftit xhur qabel id-data tal-pubblikazzjoni, sahansitra ftit granet qabel ma bdew in-negozjati bejn l-Elcar Company Limited u l-Gvern, jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Gvern (sa Jannar 1998). Illi in effetti kif sostniet il-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kaz “The Sunday Times vs The K.K.” tas-26 ta’ April tal-1979, l-istampa, fl-ambitu tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:

> “… *plays its vital role of public watchdog and to impact information and ieas on matters of public interest*".

“Kif inhuwa ben risaput, il-livell ta' kritika accettabli dwar kummenti relatati ma' persuni pubblici huwa ferm wiesa’ minn dik ta' cittadin normali. *"Since democracy cannot function unless it is possible to scrutinize the acts of politicians and other powerful figures, the Court has held that the interests of such individuals in retaining their privacy weighs less heavily in the balancd*."[11] Fil-kaz ewlieni “Lingens vs Austria (1986)”[12] il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet Tal-Bniedem irriteniet li “*the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalist and public at large .........*” Dan il-principju gie re-konfermat mill-istess Qorti fil-kaz "Oberschlick vs Austria" deciz fl-23 ta' Mejju 1991[13].

Applikazzjoni ghall-Fatti

“L-Artikolu (Dok A) intitolat "*L-Iskandlu tal-Konvenji ghall-bejgh tal-proprjeta` minn Deputati Laburisti lill-Gvern*," "*Il-Kobba tkompli tithabbel*," *L-ex Ministru Charles Mangion 'assista professjonalment’ f'konvenju iehor ta' Lm279,000* jitkellem dwar is-segwenti fatti allegati:

---

[11] Jacobs & White "European Convention on Human Rights " 3rd ed. p 279.
[12] Paras 41-42 tas-sentenza
[13] Series A. No. 204 (1994) 19, EHRR 389

“1. L-involviment tal-attur f'konvenju ghall-bejgh lill-Awtorita' tad-Djar ta' proprjeta` fil-valur ta' Lm239,400 mis-socjeta` *Elcar Company Limited*, f'liema socjeta` l-attur u martu huma nvoluti tramite azzjoni f'socjeta' ohra bl-isem *Kappara Properties Limited.*

“2. L-assistenza professjonali li ta bhala Nutar fuq konvenju iehor fl-ammont ta' Lm279,000, parti mill-istess skema, u liema konvenju gie ffirmat fil-15 ta' Awwissu 1998 mill-bejjiegha Bartolo, Camilleri u Micallef.

“3. Li l-Awtorita' tad-Djar kienet lestiet il-konvenju ghall-iffirmar mal-Elcar Co. Limited izda l-kumpanija ma onoratx il-konvenju.

“4. Fl-istess gurnata li gie ffirmat konvenju mat-tliet klijenti tal-attur gie ffirmat konvenju mas-socjeta` Lay Lay Company Limited ghal Lm1.4 miljun.

“Dan l-Artikolu hu marbut ma' artikolu iehor, intitolat "*Ix-xiri skandaluz ta' proprjeta' mill-Awtorita' tad-Djar. Charles Mangion jikkonferma.*" Li huwa bazikament rapport ta' stqarrija ghall-Istampa mahruga mill-Partit Nazzjonalista. Din l-Istqarrija tissejjah bhala "skandlu" x-xiri mill-Awtorita' tad-Djar ta' proprjeta` ta' Ministri u Deputati Laburisti u kumpaniji qrib il-Partit Laburista. Tghid ukoll li l-fatt li ddikjara l-interess tieghu ma jnehhi xejn mill-fatt li l-Gvern kien qed jixtri tali proprjeta` bl-iktar mod skandaluz granet biss qabel l-elezzjoni. Ukoll l-Istqarrija fakkret li l-Kap tal-Partit Laburista kien wieghed li kull Ministru jew Segretarju Parlamentari nvolut "fi skandli bhal dawn" ghandu jitkecca. Din l-Istqarrija hija l-mertu ta' kawza konnessa fl-ismijiet "*L-Onor. Charles Mangion -v- Mario Galea et*." (Citazz. 1741/1998 LSO) deciza illum stess.

“Fl-istess faccata tal-gurnal hemm ippubblikat l-istqarrija tal-attur rigward dak li hemm rapportat.

“Rigward din l-istqarrija, jew disdetta, tal-attur, il-Qorti hi tal-fehma li ma tnehhi xejn mill-ezami li ghandha taghmel, ghaliex il-fatt li editur jaghti l-opportunita` lill-persuna li
taghti l-fehmiet taghha, jew dritt ghar-risposta, ma ttihx il-licenzja li jghid li jrid jekk dak li jkun qed jistampa ma jkunx ibbazat fuq fatti sostanzjalment veritieri.

“Mill-ezami tal-provi, l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut irnexxielu jipprova sostanzjalment il-veracita` tal-fatti fuq riferiti sal-grad rikjest mil-Ligi. Il-fatti rilevati fil-paragrafi mmarkati 1 sa 4 kollha jirrizultaw ippruvati.

“Jirrizulta anke mix-xhieda tal-attur u ta' Patrick Dalli, li *Elcar Company Limited*, li fiha l-attur ghandu nteress tramite kumpanija ohra, kif korrettement rapportat fl-artikolu in kwistjoni, kienet fost l-applikanti ghall-Iskema, u sahansitra Patrick Dalli beda n-negozjati

qabel mal-iskema thabbret pubblikament. Jirrizulta wkoll li l-prezz li gie accettat mill-Awtorita` huwa dak rifless fl-artikolu, fejn korrettement qed jinghad li l-konvenju ma sarx. L-attur ma cahadx li l-proprjeta' li kienet giet offruta mill-Elcar ma kinetx kompluta u ghalhekk setghet giet milquta mill-kwistjoni li tqajmet internament fid-Dipartiment dwar illegalita` ta' ftehim li kienet qed toffri hlas ghal xoghlijiet li kellhom isiru mill-bejjiegha minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi.

“Jirrizulta bhala fatt ukoll li gie ffirmat konvenju bejn il-Gvern u l-*Lay Lay Company Limited.*

“Dawn il-fatti, ghalhekk, huma sostanzjalment ippruvati (ara 12(2)(a) tal-Kap.248. Kif jinghad mill-Gatley[14] “*where the libel is stated as a general conclusion founded on certain discreditable incidents in the public life of the plaintiff, the defendant need not prove that all the separate incidents are true in order to establish a plea of justification; it will suffice if he proves enough to justify the jury in coming to the view that his general conclusion is justified*."

“Huwa fatt ukoll li l-konvenju mal-*Elcar Company Limited* kien lest ghall-pubblikazzjoni izda ma giex iffirmat u dan sehh kronologikament wara li l-Gazzetta ppubblikat rapporti dwar l-iskema. Dwar ir-raguni ghaliex ma giex iffirmat, il-konvenut lanqas ma gab prova li kien hemm data akkordata ghall-publikazzjoni, jew mal-attur jew ma' Patrick Dalli, u din il-parti tar-rapport hija biss insinwazzjoni minghajr ebda bazi fattwali.

“L-attur ghamel enfasi fuq il-fatt, ukoll ippruvat, li hu, kif ukoll l-Onor. Helena Dalli, li kienet socja ma’ zewgha f'kumpanija ohra li kellha interess fl-Elcar, kienu nsistew bhala kondizzjoni *a priori* li jkollhom l-approvazzjoni tal-Awditur Generali qabel ma jigi ffirmat ebda ftehim mal-Awtorita'. Jghid ukoll li ma kien hemm ebda appuntament miftiehem mieghu. Dan hu kkonfermat minn Patrick Dalli, li kien imexxi l-Elcar Co. Limited. Victor Sciberras Grioli, li kien membru tal-Kumitat li kien qed jevalwa l-applikazzjonijiet ghall-bejgh, ukoll xehed li l-appuntamenti ghall-iffirmar tal-konvenju gew stabbiliti mill-Bord tal-Awtorita`. Qal ukoll li l-proceduri adoperati mill-Kumitat kienu l-istess ghal kulhadd u li l-proprjeta` li kienet giet offerta mill-persuni nteressati kienu ezaminati minn impjegati teknici tad-Dipartiment.

“Madanakollu l-Iskema kienet wahda kontroversjali u holqot dibattitu pubbliku. L-attur, bhala membru tal-parlament, u persuna pubblika, ma setax jippretendi li jibqa' immuni minn kull inferenza dwar l-involviment tieghu f'din l-iskema li uhud mix-xhieda, li kienu jinkludu l-Prim'Ministru u l-Ministru tal-Politika Socjali tal-Gvern ta' wara, iddeskrivew bhala "skandaluza", "irregolari" u "suspettuza".

[14] Op. cit. para. 1294

“L-artikolu, fil-qofol tieghu, jghid li din l-iskema kienet "skandaluza" peress li tat lill-Ministri, Deputati u persuni mill-qrib tal-Partit fil-Gvern l-opportunita` li jbieghu proprjeta` lill-Gvern ftit granet qabel l-elezzjoni. U bhala fatt, hekk kien ir-rizultat.

“Mid-dokumenti li gew esebiti a fol 88-95 tal-process, fiz-zmien li giet ippubblikata l-Iskema, kien hemm diskussjoni bejn l-Awtorita', il-Ministru tal-Finanzi, l-Avukat Generali u id-Direttur tal-Kuntratti rigward il-pozizzjoni legali tal-ghotja ta' tenders u hlas ghal xoghlijiet li kellhom isiru sabiex il-postijiet offruti jsiru abitabbli. Din is-sitwazzjoni kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex l-Iskema kienet "suspettuza." (Ara xhieda tal-Onor. Prim' Ministru E. Fenech Adami).

“Hija konsegwenza tal-kariga pubblika li kien jokkupa l-attur li f'demokrazija jkun espost ghall-skrutinju aktar wiesa’ minn persuna privata ordinarja. Id-dettalji kollha li kienu jirrigwardaw din l-Iskema, kienu ndubjament ta' interess pubbliku, u dan jinkludi kull interess jew beneficcju li r-rapprezentanti tal-poplu, u tal-Gvern taz-zmien, setghu jirrikavaw minnha.

“Dwar uhud mil-lanjanzi tal-attur, il-Qorti, b'riserva ghal dak li ser tghid iktar ‘il quddiem taht *fair comment*", ma tarax li l-editur hareg 'il hinn mir-responsabbiltajiet tieghu. Huwa fatt ippruvat li l-kumpanija 'Lay Lay' kienet wahda mill-applikanti li waslet biex ikkonkludiet ftehim mal-Gvern.  F'dan l-artikolu partikolari ma hemm ebda konnessjoni, diretta u lanqas indiretta, bejn l-attur u din il-kumpanija, ghajr li l-Elcar, bhal Lay Lay, kienet fost l-applikanti li kienu qed jinnegozjaw mal-Gvern, kif, *del resto*, kienu diversi applikanti ohrajn.

“L-attur jirreferi ghall-*montatura* imma ghalkemm jista' ikun il-kaz li hemm xi konnessjoni li jirrizulta minn xi xandira jew pubblikazzjoni ohra mas-socjeta' Lay Lay, fil-kaz odjern, dan ma jirrizultax. *Del resto* l-attur ammetta li kien qed jahdem professjonalment mal-*Lay Lay Company Limited* u li kieku wiehed ikun konsistenti, jekk l-assocjazzjoni ma’ tali kumpanija tqajjem suspetti, wiehed m'ghandux lanqas jippresta servizzi professjonali jekk ma jridx jigbed l-attenzjoni pubblika.

“L-attur, fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu ghamel riferenza ghall-kawzi fl-ismijiet "Jimmy Magro -v- Joe Zahra”[15] u "Onor. Alfred Portelli v Dr. Roger De Giorgio"[16] li jirrigwardaw l-involviment tal-Lay Lay Company Limited mal-Housing Authority. Jghid li din il-Qorti kif diversament presjeduta, sabet li l-atturi gew malafamati b'allegazzjonijiet ta' irregolarita' fl-“*istess kampanja ta' insinwazzjonijiet*." Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ghaliex il-Qorti, f'dawk is-sentenzi, sabet li l-fatti allegati fil-konfront tal-atturi partikolari, li kienu jinkludu li rcevew flejjes minn dik il-kumpanija ghall-kampanja elettorali, ma gewx ippruvati.

[15] P.A.(GV) - Dec. 28.6.2002
[16] P.A.(GV) - Dec. 14.12.2001

“Riferibbilment ghas-sejha ghat-tkeccija tieghu rapportata fl-Istqarrija tal-Istampa, aparti li l-editur kien qed jirrapporta fedelment dak li ntqal pubblikament minn Partit Politiku fi Stqarrija Pubblika ghall-Istampa, is-sejha ghat-tkeccija hija marbuta mal-*value judgment* maghmula mill-Partit Nazzjonalista, ibbazata fuq il-fatti fuq rapportati, li sejhet bhala "skandlu" dik l-iSkema ta' xiri ta’ proprjeta`.

“Izda apparti dan, jirrizulta mill-assjem tal-artikoli li xi konkluzjonijiet, jew opinjonijiet espressi, mhumiex gustifikabbli mill-fatti ppruvati u ghalhekk ma jkunux protetti bhala *fair comment*.

“<u>FAIR COMMENT</u>

“L-attur isostni li gie offiz mill-artikoli fl-assjem taghhom, minhabba l-fatt li l-assistenza tieghu professjonali lill-persuni privati li eventwalment iffirmaw konvenju giet imfissra, fi kliemu stess: 'tra virgolette' "*qisu hemm xi implikazzjonijiet ulterjuri, ghax qieghda 'tra virgolette'."*

“Skont l-artikolu 12(2)(a) tal-Kap. 248 "*Iżda l-prova tal-verita tal-fatti attribwiti ma teħlisx lill-akkużat mill-piena għal insulti, akkużi jew allegazzjonijiet illi l-qorti jkun jidhrilha li ma kienux meħtieġa li jiġu attribwiti lill-persuna offiża l-fatti li l-prova tagħhom tkun ġiet ammessa*;"

“L-attur jishaq fuq ix-xhieda ta' Dione Borg meta xehed "*Fil-fatt jien imbaghad bnejt storja madwar dak li qalli, il-kumment tieghu ppubblikajnih shih, ghamilnih kollu ma kienx hemm cahda tieghu*" u jakkuza lill-artikolist peress li "bena" storja. Izda l-pozizzjoni mhiex daqshekk semplici ghaliex l-istorja "inbniet" fuq fatti li gew sostanzjalment ippruvati.

“Madanakollu fil-fehma tal-Qorti, minkejja li l-fatti huma sostanzjalment veritieri, l-editur m'ghandux jigi ezonerat mir-responsabbilta tieghu jekk il-mod kif ipprezenta l-artikolu, jew il-kliem li uza, jeccedu l-limiti ta' *fair comment* fejn "*The defence of fair comment protects the honest expression of opinion, no matter how unfair or exaggerated, on any matter of public interest*" (Robertson QC & Nicol QC "Media Law" (Penguin,1994).

“Fl-ktieb Gatley on Libel and Slander (Sweet & Maxwell (London), 1981 jinghad hekk dwar in-natura ta’ kumment:

> “"*A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. “A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing”. But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also*

> *be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment*."(para. 697, pagna 294).

"Minn ezami tad-dottrina u gurisprudenza, wiehed ghandu jikkonkludi li l-kumment, biex ikun gustifikabbli, irid jinbet minn fatti ppruvati.

"Fil-kawza Brent Walker Group plc v Time Out Ltd. [1991] 2 QB 33 deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza, il-bazi tal-'fair comment' giet kunsidrata minn Bingham LJ li dwarha qal is-segwenti:-

> ""*Thus the law has developed the rule already mentioned that comment may only be defended as fair if it is comment on facts (meaning true facts) stated or sufficiently indicated. Failing that, the comment itself must be justified*."

"Izda filwaqt li, kif gie spjegat qabel, il-kwadratura tal-Iskema msemmija taht l-ottika ta' "*skandlu*", ghandu jitqies li hu "*value judgment*" tal-editur u tal-artikolist gustifikabbli fl-isfond tal-fatti rapportati u ppruvati, l-istess ma jistax jinghad ghall-mod kif l-involviment professjonali tal-attur, bhala Nutar li kien qed jezercita l-professjoni tieghu, gie mfisser fl-artikolu in kwistjoni kif ukoll ghall-konkluzjoni migbuda mill-fatt li l-konvenju mal-Elcar baqa' ma giex iffirmat.

"Difatti, l-artikolu jpoggi l-kliem "assistenza professjonali" *tra vigolette*, f'karattri akbar mit-test li ntuzat ghall-*body* tal-artikolu, bhala sub-heading, taht it-titlu "Il-kobba tkompli tithabbel" b'dan li ghall-qarrej ordinarju u ta' intelligenza normali, l-involviment professjonali tal-attur inghata prominenza bhala ezempju iehor ta' agir skorrett li jkompli jaggrava dak li gja allegatament kien qed isir.

"Kif osservat il-Qorti tal-Appell, (sede Superjuri), ghalkemm il-margini ossija l-attitudni ghal kritika hija aktar wiesgha meta si tratta ta' ufficjali pubblici u specjalment ta' nies fil-politika, u l-imgieba taghhom tista' tkun soggetta ghal kritika, anke harxa, kulhadd – anke l-politici – ghandhom dritt ghar-reputazzjoni taghhom. Ara "Onor. Eddie Fenech Adami et -vs- Malta Labour Party et", 9 ta' Frar 2007 u "Onor. Prim Ministru Dr. Alfred Sant -vs- Onor.Dr. Austin Gatt et", 29 ta' Ottubru 2007.

"Huwa fatt ippruvat li dawn il-persuni li ffirmaw il-konvenju, kienu klijenti tal-attur fil-kapacita` professjonali tieghu, u l-konvenut ma ressaq ebda provi li jistghu jinducu lill-Qorti taghraf li l-involviment tal-attur kien iktar milli semplici assistenza professjonali. Ma kien hemm ebda raguni li seta' jiggustifika l-insinwazzjoni negattiva, u ghal kollox gratuwita li giet espressa riferibbilment ghal din l-assistenza.

"*Inoltre*, investigazzjoni responsabbli mill-gurnalist kien jizvela li l-attur ma kienx dispost li jiffirma ebda ftehim qabel ma jinghata l-approvazzjoni mill-Awditur Generali - fattur ghal kollox indipendenti

mill-istqarrijiet li kienu qed isiru fil-forum politiku. Li kieku nghata din l-approvazzjoni, l-firma tal-kumpanija Elcar kienet titqies regolari.

“Fil-gurisprudenza taghna l-malafama tista’ tinghata mhux biss b’mod dirett u esplicitu, izda anke b’mod indirett jew implicitu – permezz ta’ insinwazzjoni jew *innuendo.*

“Kif gie ritenut fil-kaz "Dr. Gavin Gulia v David Agius et". - A.C.- dec 12 ta' Lulju 2005 - "*Huwa mbaghad accettat li l-insinwazzjonijiet bla ma huma msejsa minn fatti, maghmulin ghal kwalunkwe raguni (ukoll dik politika), fis-sens li xi hadd ikkorrompa jew li gie korrott, ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta’ fatti li jqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm implikati persuni pubblici*."

“Issa filwaqt li hu rikonoxxut li figura pubblika tista’ tkun soggett ta’ kritika, anke harxa, daqstant iehor hu rikonoxxut, taht il-profil sostanzjali, illi ma ghandux ikun hemm eccess tal-limiti ta’ dak strettament necessarju ghas-sodisfaciment tal-interess pubbliku. In effetti, ma jidherx li qatt kienu tollerati attakki, jew gudizzji ta’ disvalur, fuq l-unur u r-reputazzjoni anke ta’ persuni pubblici, specjalment meta l-fatt rakkontat ikun bla bazi, impertinenti u ‘l boghod mill-korrettezza formali tal-esposizzjoni.  Ara, b’ ezempju, sentenzi fl-ismijiet “Joseph G. Vassallo -vs- Paolo Pace”, Appell Kriminali, 17 ta’ Jannar 1951 u “Onor. Seg. Parl. Joe Fenech -vs- Evarist Bartolo”, Appell, 8 ta’ Gunju 1999.

“L-attur bir-ragun hass ruhu offiz. Il-Qorti tqis li dawn l-insinwazzjonijiet kienu malafamanti u mhux kompatibbli mad-difiza ta' *fair comment*.

Danni

Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Vincent Borg vs Victor Camilleri et” datata l-15 ta’ Novembru tal-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

> ““*Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi tal-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ elfejn Lira Maltin, (Lm2,000), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000);*"

“Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet “Carmel Tonna et -vs- Felix Agius et”, Prim’ Awla, Qorti Civili, per Mhallef J. Said Pullicino, 23 ta’ Marzu 1993, “*dawn id-danni m’ghandhomx jigu likwidati ‘in vacuo’, imma ghandhom jigu relatati mal-hsara li l-kitba ingurjuza setghet potenzjalment tikkreja lil-libellati jew li tkun attwalment ikkagunatilhom, danni li mhux necessarjament ikunu materjali u reali, imma jistghu jkunu wkoll ta’ indole morali u astratta, in kwantu jolqtu l-unur u l-fama*.”

> "Ghaldaqstant il-Qorti qed tillikwida d-danni lilu dovuti fl-ammont ta' elf ewro (€1,000)".

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Joseph Zahra, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi, u wara li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut appellant, tichad it-talbiet tal-attur appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-attur appellat, li in forza taghha u ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-konvenut appellant u tikkonferma minflok id-decizjoni tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Semghet id-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti:

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza hija marbuta ma' kawza ohra li qeghda tigi deciza llum (li ggib referenza 1741/1998), li wkoll titratta kawza ta' malafama. L-attur appellat hassu ingurjat b'numru ta' artikoli li gew ippubblikati, kif ukoll xandira politika ghall-habta ta' Awwissu, 1998, suggett ta' tliet kawzi

separati li lkoll jittrattaw l-istess tema. Fil-kaz in ezami, l-artikoli in kontestazzjoni, dehru fil-gazzetta “In-Nazzjon”, datata 26 ta’ Awwissu, 1998, meta l-konvenut kien editur tal-istess gazzetta. L-artikoli in konstestazzjoni kienu bit-titolu "**L-iskandlu tal-konvenji ghall-bejgh tal-proprjeta` minn Deputati Laburisti lill-Gvern**", "**Il-kobba tkompli tithabbel**"; "**L-eks Ministru Charles Mangion 'assista professjonalmenta’ f’konvenju iehor ta’ Lm279,000**"; "**Ix-xiri skandaluz ta’ proprjeta` mill-Awtorita` tad-Djar - Charles Mangion jikkonferma**".

Artikolu minnhom kien jitratta l-istqarrija tal-Partit Nazzjonalista (suggett tal-kawza l-ohra li qeghda tigi deciza wkoll llum) li kienet taghmel referenza ghall-fatt li l-Gvern kien ser jixtri proprjetà ta’ Ministri u Deputati Laburisti, u kumpaniji qrib il-Partit Laburista, fosthom kumpanija bl-isem ta’ Elcar, li fiha n-Nutar Mangion kellu sehem tramite kumpanija ohra (Kappara Properties Limited). Filwaqt l-artikolu "*Il-Kobba Tkompli Tithabbel*" jitratta d-dettalji dwar il-bejgh ta’ proprjetà ghas-somma ta’ Lm239,400, propost mill-kumpannija Elcar li fiha kien involut kemm l-attur, kif ukoll is-Segretarju Parlamentari Helena Dalli, ghal bejgh ta’ proprjetà ghas-somma ta’ Lm 52,000 li fiha kien involut, il-Ministru Charles Buhagiar, konvenju li sar bejn L-Awtorità tad-Djar u tliet individwi Bartolo, Camilleri u Micallef li kienu assisti professjonalment mill-attur appellat, li kien prezenti wkoll ghan-negozjati bejn il-partijiet li

wasslu ghall-konvenju tal-valur ta' Lm279,000, kif ukoll zewg konvenji ohra li gew iffirmati, wiehed bejn l-Awtorità u Mario Dimech ghas-somma ta' Lm289,000 u l-iehor bejn l-Awtorità u l-kumpannija Lay Lay Limited ghas-somma ta' Lm1.4 miljun.  Jinghad ukoll li d-Deputati Laburisti ma onorawx il-konvenju u ma marrux ghall-iffirmar tal-ftehim.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur u kkundannat lill-konvenut Joseph Zahra jhallas is-somma ta' €1000 bhala danni, wara li qieset li meta l-artikolu in kontestazzjoni jpoggi l-kliem "*assistenza professjonali" tra virgolette,* b'referenza ghall-kariga professjonali tal-attur, dan sar b'insinwazzjoni negattiva u gratuwita fil-konfront tal-attur.  Hekk ukoll irriteniet li investigazzjoni responsabbli mill-gurnalist kellu jizvela li l-attur ma kienx dispost li jiffirma ebda ftehim qabel ma tinghata l-approvazzjoni mill-Awditur Generali.  Kwindi jinghad li l-attur bir-ragun hassu offiz, peress li l-Qorti qieset l-insinwazzjonjiet bhala malafamanti u mhux kompatibbli mad-difiza ta' *fair comment.*

Il-konvenut appella mis-sentenza a bazi ta' zewg aggravji: (i) li l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni skorretta tal-provi mressqa u (ii) ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi.

Taht l-ewwel aggravju, il-konvenut appellant jilmenta li filwaqt li fl-ewwel parti tas-sentenza l-ewwel Qorti kkonstatat li l-fatti allegati fl-artikolu

kienu fil-fatt sehhew, izda lejn l-ahhar tas-sentenza hija rriteniet li mill-assjem tal-artikoli, xi konkluzjonijiet jew opinjonijiet espressi mhumiex gustifikabbli mill-fatti pruvati, u ghalhekk mhumiex protetti bhala *fair comment.* Jissottometti li l-iskema ta' xiri ta' proprjetà mill-Gvern qajjmet dibattitu politiku u li fl-artikolu in kontestazzjoni kien hemm zieda, cioè li l-attur ikkonferma kemm l-assistenza professjonali tieghu, kif ukoll il-presenza tieghu ghan-negozjati li xi whud mill-vendituri prospettivi kellhom mal-Awtorità tad-Djar. Kien ghalhekk li l-ahbar il-gdida nghatat prominenza billi tqeghdu l-kliem "assista professjonalment" tra virgolette. Permezz tat-tieni sottomissjoni tieghu l-konvenut jistaqsi jekk nutar bhal ma huwa l-attur, jistax ikollu klijenti? Kif ukoll jistaqsi jekk xoghol ta' nutar jinkludix assistenza waqt negozjati ta' komprovendita? Jinghad li dan ix-xoghol huwa aktar sinonimu ma' dak ta' avukat jew sensal, filwaqt li xoghol in-nutar jibda wara li n-negozjati jkunu konkluzi. Dan meta l-istess Qorti, kompla josserva l-attur, uriet it-thassib taghha li meta l-attur assista professjonalment lill-kumpannija Lay Lay, li kienet involuta f'numru ta' kontroversji, dan kien qieghed jigbed l-attenzjoni pubbika fuqu. Kwindi l-appellant jinsisti li ma kellux jirrispondi ghall-kawza attrici ta' libell talli wassal din l-informazzjoni lill-pubbliku.

Trattat l-aggravju principali, jibda billi jinghad li l-attur appellat bhala bniedem attiv fil-politika, huwa persuna "*in the public eye*". Il-Qorti

Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem f'kazijiet li jolqtu d-dibattitu politiku, fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Case of Radio Twist A.S. vs Slovakia** deciz fid-19 ta' Dicembru 2006, (App. Nru. 62202/00, para. 52), qalet li:

> "*There is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see, for example, Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61, ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a public figure, such as a politician, than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see, for example, Incal v. Turkey, 9 June 1998, § 54, Reports of Judgments and Decisions 1998-IV)*".

Hekk ukoll kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz fl-ismijiet **Da Haes et v. Belgium**, deciza fl-24 ta' Frar, 1997, (App. Nru. 19983/92) meta nghad:

> "*…the general interest in a public debate which has a serious purpose outweighs the legitimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding or offensive language*".

Jibda billi jinghad li fil-fehma din il-Qorti filwaqt li l-ewwel Qorti kkoncediet li l-artikoli kkontestati kienu bbazati fuq fatti li sostanzjalment gew ippruvati, izda imbaghad qalet li xi opinjonijiet jew konkluzjonijiet espressi mhumiex gustifikabbli, kwindi mhumiex protetti bhala *fair comment,* jew jeccedu l-limitu ta' *fair comment.* Issa l-istqarrija u l-artikolu in kontestazzjoni kienu qeghdin jitfghu dawl fuq l-agir ta' Ministri, Deputati Laburisti u nies ohra vicin tal-Partit Laburista fl-iskema ta'

bejgh ta' proprjetà privata lill-Gvern, vicin tal-elezzjoni generali, kif ukoll fuq ir-rwol li kellu l-attur fil-konkluzjoni ta' konvenji mal-Awtorità tad-Djar. Mill-provi in atti, ma jirrizultax li l-allegazzjonijiet maghmula fl-imsemmija stqarrija huma nieqsa mill-verità, u li ma jiggustifikawx difiza ta' *fair comment.* Tajjeb jinghad hawnhekk illi biex tirnexxi d-difiza ta' *fair comment,* mhux mehtieg, li l-fatti jkunu veri fil-kompletezza taghhom, izda bizzejjed li jkunu <u>sostanzjalment</u> korretti.

F'dan il-kaz, kuntrarjament ghal dak rappurtat fl-artikolu in ezami, fejn jinghad li l-attur m'onorax konvenju, jirrizulta ppruvat li l-attur kien ghamilha cara lill-Awtorità, li kellu jigi informat l-Awditur Generali qabel ma jigi ffirmat kwalunkwè konvenju, kwindi l-istess konvenju ma setax isir qabel ma tigi fis-sehh tali kundizzjoni. Madankollu, b'daqshekk, qajla jista' jinghad li ghaldaqstant dan l-artikolu huwa malafamanti. Jista' jkun li din il-parti tal-artikolu kienet zbaljata, pero`, dan ma jfissirx li hija malafamanti. L-izball mhux daqshekk gravi li jwassal ghat-tnaqqis ta' reputazzjoni, u jista jigi sanat b'risposta, kif fil-fatt sar.

Inoltrè sa fejn jinghad mill-appellanti li nutar ma jkollux klijenti u mhux normali li jkun involut f'negozji ta' komprovendita, jigi osservat li l-attur appellat apparti li fiz-zmien relattiv kien deputat parlamentari, kien iservi wkoll fil-professjoni ta' nutar. Nutar pubbliku huwa meqjus bhala ufficcjal pubbliku li kemm l-Istat kif ukoll ic-cittadin ordinarju jinvestu fih l-

oghla fiducja u jaghtuh l-akbar affidament li ser jimxi maghhom b'korrettezza, u minghajr ma jqarraq bl-interessi tagħhom. Bhala tali ufficjal, huwa mifhum li nutar ghandu jkun imparzjali fil-qadi tal-professjoni tieghu, kwindi fejn si tratta bejgh ta' proprjetà, mhux ritenut idejali li jinghad li nutar ikollu "klijenti" jew li jinnegozja ftehim ta' komprovendita flimkien ma' parti jew ohra.

F'dan l-istadju tista ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' April, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Mifsud v. Daphne Caruana Galizia** fejn inghad:

> "*…l-espressjoni demokratika tinhtieg li tinghata l-aktar spazju possibbli fil-konfront tal-operat ta' figuri pubblici li kellhom ikunu soggetti ghall-iskrutinju tal-istampa hielsa, anke jekk dan ikun a skapitu ta' skonfort u inkonvenjenza ghal dawn il-persuni li lejhom tkun immirata…dejjem sakemm pero` il-materja tkun wahda ta' interess pubbliku kif indubbjament kien is-suggett tal-artikolu taht ezami, u il-fatti, kif inghad, ikunu sostanzjalment korretti. Inoltre, u dan hu sewwa li jinghad ghaliex jimmerita riflessjoni, il-fatti kellhom ikunu sostanzjalment korretti principalment fir-rigward ta' dawk l-elementi storici li fuqhom l-artikolu jkun ibbazat. … Dan ifisser li l-Qorti kellha thares biex tistablixxi illi s-sustanza tal-fatti kienet vera u li l-fatt li jkun hemm xi cirkostanza minn dawk il-fatti li ma tkunx provata jew ma tkunx adegwatament stabbilita, ma jwassalx ghall-konkluzzjoni li l-artikolu jkun malafamanti u ingurjuz tal-fama ta' haddiehor. Dan naturalment sakemm il-fatt li jirrizulta li ma jkunx provat, jew ma jkunx veritjer, ma jkunx fih innifsu addebitu malafamanti, bhal per ezempju, jekk il-fatt ikun jaddebita lil persuna malafamata l-kommissjoni ta' rejat. F'dak il-kaz allura, l-ingurja ma tkunx temani mill-artikolu imma mill-fatt stess tal-addebitu kriminuz li, fih innifsu, ikun jikkostitwixxi l-malafama indipendentement mill-kontenut tal-artikolu impunjat*". (sottolinjar ta' din il-Qorti).

Hekk ukoll f'sentenza ohra ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Perit Lawrence Mintoff v. Dr. Roger Degiorgio et** inghad:

> "*Din il-Qorti tara li kif gie ripetutament meqjus anke mill-Qrati taghna, fil-kamp politiku, minhabba l-interess generali, hu lecitu ghall-istampa li tesponi ghall-pubbliku fatti li fihom ikunu involuti persuni politici. Dawn, mill-fatt biss li jinvolvu ruhhom fil-politika, jesponu ruhhom mhux biss ghall-kritika tal-media, izda wkoll ghal assunzjonijiet li ghalkemm jistghu jkunu mhux veri, dak li jkun jista' ragjonevolment jasal ghalihom. Sakemm il-fatti jkunu veri, il-media tista' tasal ghall-konkluzjonijiet taghha bazati fuq "a fair and reasonable analysis" ta' dawk ic-cirkostanzi, basta li bil-konkluzjoni ma tigix attribwita lill-persuna involuta certu agir li jmur lil hinn mill-fatti dikjarati. Il-politiku jesponi ruhu ghall-fatt li kull ma jaghmel, anke fil-hajja professjonali jew privata tieghu, jigi meqjus u analizzat mill-media. Din tal-ahhar ghandha d-dritt u d-dover tgharbel l-attivita` tal-politiku u, filwaqt li thalli lic-cittadin il-possibbilita` li jiggudika hu dik l-attivita`, tanalizza l-istess, hi stess f'kuntest politiku….*
>
> "*Hu normali li kull partit politiku li jkun fil-gvern sejjer jigi attakkat b'favoritizmu fl-ghoti ta' kuntratti u impieg, u hu naturali li, meta jikkonkorru certi cirkostanzi, meta jinghata kuntratt lil xi hadd li jkun midhla tal-partit li jkun fil-gvern, l-oppozizzjoni tattakaha b'favoritizmu. Kemm dan l-attakk ikun f'waqtu jiddependi mic-cirkostanzi ta' fatt antecendenti jew posterjuri ghal ghoti tal-kuntratt. Sta mbaghad ghall-partit fil-gvern iwarrab dan is-suspett ta' favoritizmu. F'dan il-kaz, il-fatti jistghu jaghtu lok ghal dan is-suspett, u l-media ghandha obbligu, meta c-cirkostanzi hekk jimmeritaw, li timmanifesta dan is-suspett fil-pubbliku; dan hu parti mill-iskritinju li kull min hu involut fil-politika jrid jaccetta bhala mehtieg f'demokrazzija. L-agir ta' kull gvern irid ikun trasparenti u "beyond suspicion", u l-media ghandha dritt tesponi s-suspetti taghha dwar certa agir. Sta ghall-gvern li jirribatti u jressaq argumenti li juru l-kuntrarju. Li tesponi s-suspett ghall-konsiderazzjoni tal-pubbliku, ma jistax, pero`, jitqies malafamanti, meta, jigi ripetut, dak is-suspett tkun konkluzjoni ragjonevoli mehuda minn fatti veri, kif gara f'dan il-kaz*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-fatti allegati fl-artikoli in kontestazzjoni huma sostanzjalment korretti. L-analizi politika tac-cirkostanzi madwar l-iskema tax-xiri ta' proprjetà privata mill-Gvern, kif ukoll tar-rwol li kellu l-attur f'xi whud mill-konvenji, huma espressjoni

possibbli, li wiehed jista' jikkontempla, mehuda in konsiderazzjoni l-fatti kif sehhew. Dan ma jfissirx li din il-Qorti qeghda taqbel ma' tali analizi, izda tghid biss li huma kummenti tollerabbli li wiehed seta' ragonevolment jaghmel fl-isfera politika dwar ir-rizultanzi mill-atti. Konsidrat il-margni wiesgha ta' tolleranza li tezisti fil-kamp politiku, ma jistghax jinghad li l-konvenut agixxa lil hinn mil-limitu permessibli, fil-pubblikazzjoni tal-artikoli in kontestazzjoni. Kwindi tqis li l-artikoli in ezami bhala *fair comment* u jsegwi li l-konvenut appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju tieghu.

Taht it-tieni aggravju, hemm l-ilment tal-konvenut appellant dwar l-applikazzjoni skorretta tal-ligi. Jishaq li l-libertà tal-espressjoni hija wahda mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem garantit kemm mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u skont il-gurisprudenza citata minnu tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hemm distinzjoni bejn fatti allegati u kummenti. Isostni li sakemm l-kummenti huma bbazati fuq u mibnija madwar fatti, li jkunu sostanzjalment veri, il-kummenti mhux libelluzi anke jekk jirrizultaw azzardati.

Fil-kuntest tal-kuncett ta' *value judgement,* kif ben spjegat fis-sentenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz fl-ismijiet **Lindon,**

**Otchakovsky-Laurens and July v. France** deciz fit-22 ta' Ottubru, 2007, (App. Nri. 21279/02 u 36448/02 para.55), fejn inghad illi:

> "*…in order to assess the justification of an impugned statement, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgments. While the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10. The classification of a statement as a fact or as a value judgment is a matter which in the first place falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts. However, even where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it will be excessive*".

Inghad ukoll fil-kaz fl-ismijiet **Jerusalem v. Austria** deciz fis-27 ta' Frar, 2011, mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (App. Nru. 26958/95 para. 43):

> "*… even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti taqbel mal-konvenut appellant li sa fejn dak li nghad fl-artikoli in kontestazzjoni jikkonsisti f'*value judgement,* dan kien ibbazat fuq fatti sostanzjalment veri u konsegwentement ma tarax li l-azzjoni attrici setghet tirnexxi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Joseph Zahra, billi <u>tilqa'</u> l-istess, kwindi thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel

Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi u filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb